MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1135/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Keith Arnaud]**

**vs**

**Naomi Tanti**
**Shawn Camilleri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Naomi Tanti detentrici tal-karta tal-identità numru 190294M u Shawn Camilleri detentur tal-karta tal-identità numru 184193M.

Akkuzati talli:
Fil-lejl ta’ nhar id-19 u l-20 ta’ April 2011 ghall-habta tal-kwarta ta’ filghodu (00:15hrs), gewwa Triq San Gorg, San Giljan, Paceville, ikkommettew serq ta’ oggetti minn fuq persuna ta’ Islah Valerie Touche Arends ta’ nazzjonalità Ingliza, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur li

jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin u dan ghad-detriment tal-imsemmija Islah Valerie Touche Arends;

U aktar talli fl-istess data u fil-jiem ta’ wara din id-data, xjentement f’Malta laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghu jew imexxu dawn l-oggetti;

Lil Shawn Camilleri wahdu:

Talli fil-lejl ta’ nhar id-19 u l-20 ta’ April u fil-jiem ta’ qabel u wara din id-data, gewwa San Giljan, Paceville, Birkirkara u f’diversi toroq fil-gzejjer Maltin, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAH598 tat-tip Subaru Legacy minghajr licenza tas-sewqan u b’hekk minghajr ma kien kopert b’polza ta’ assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi; u

Rat l-ammissjoni bikrija mill-imputati ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghataw z-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom, u l-koperazzjoni bis-shih miz-zewg imputati mal-prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261(a)(c)(f), 262(a), 270, 274(d), 279(a), 280(2) tal-Kap. 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 u l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 qeghda issib lill-imputati Naomi Tanti u Shaun Camilleri hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom, u fil-kaz ta’ Naomi Tanti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 qeghda tpoggiha taht Probation Order ghal zmien (1) filwaqt li ghal Shawn Camilli bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A u G tal-Kap. 9 qeghda tikkundannah ghal tmintax-il (18) prigunerija sopsizi ghal sena, b’dan illi f’dan il-perijodu l-imputat ghandu jkunu taht ordni ta’ supervizjoni, kif ukoll tordna s-

sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien sena (1) dekorribbli min-nofs il-lejl tal-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa u Supervision Order mal-odjerna sentenza jigu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jitqabbad Probation Officer ghaz-zewg imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------